



# Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris matul it-Tieni Gwerra Dinjija

Kitba ta' John Bisazza

Lejlet it-tieni Gwerra Dinjija l-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris kienet tiddomina dik it-taqsima ta' tas-Sliema li kienet rat żvilupp kbir. Kien f'dawk l-inħawi li fl-erbgħin sena ta' qabel kienu nbnew tant djar u nfetħu tant toroq ġodda, biex flimkien mal-vilel li kienu ilhom isebbħu l-ambjent mit-tieni nofs tas-seklu dsatax taw identita' ġdida lill-eqdem parti ta' tas-Sliema. Il-Parroċċa ta' Stella Maris kienet rat bosta ġrajjiet sbieħ iseħħu madwarha fis-snin tletin u li kienu għenu ħafna biex seta' jitkattar l-iżvilupp Reliġjuż u Soċjali ta' tas-Sliema.

Sa mis-sena 1939 l-awtoritajiet ċivili kienu ilhom iħejju lin-nies għal kulma seta' jinqala' f'każ ta' gwerra. Meta nhar il-11 ta' Ġunju 1940, waqgħu l-ewwel bombi fuq tas-Sliema, kienu bosta dawk li nħakmu mill-paniku u bdew jaħsbu biex jitilqu minn djarhom u jfittxu l-kenn f'xi lokalita' oħra f'Malta. F'temp ta' ftit xhur tas-Sliema kienet tbattlet u sal-bidu ta' l-1941 il-popolazzjoni kienet niżlet għal xi 2000 ruħ. Matul dik is-sena l-Parroċċa kienet qed titmexxa minn Dun Amadeo Bonello bħala Vigarju Kurat peress illi l-Kappillan Capurro kien laħaq Monsinjur tal-Katidral. Nhar il-11 ta' Marzu ftit passi 'l bogħod mill-Knisja, kienet ġrat traġedja kbira meta waqt ħbit mill-ajru kienu ġġarrfu bosta djar fi Triq Santa Rita fejn 22 ruħ tilfu ħajjithom filwaqt li 30 oħra kienu sfaw midruba. Kien riesaq l-agħar żmien. It-toroq kienu vojta, id-djar tbattlu, u l-ftit ħwienet miftuħin li kien baqa' ftit jew xejn kellhom x'joffru għall-bejgħ.

Peress li sal-bidu ta' l-1942 kienu tħaffru bosta xelters fil-blat, ħafna Slimiżi kienu marru lura fi djarhom. Fl-1 ta' Frar, Dun Ġużepp Inguanez kien ħa l-pussess bħala Kappillan tal-Parroċċa u f'egħluq ix-xahar kienet messitu l-isfortuna li jara l-Knisja tiġġarraf. Il-Quddies beda jsir fil- 'Knisja ż-Żgħira' sakemm mit-12 ta' April 'il quddiem dan beda jsir fl-intrata tal-Villa tas-Sur Alfonso Maria Galea, illum Fatima House.



*Il-ħsara li sofriet il-koppla bil-bombi.*

Dan kien l-iżjed perjodu kiefer bil-ħbit mill-ajru ma jaqta' kważi xejn. Matul l-ewwel erba' xhur ta' dik is-sena, minbarra l-knisja ta' Stella Maris, kienu ġġarrfu bosta djar, it-Teatru Gaiety, il-Barclays Bank, u fergħa tal-Posta ġewwa Għar id-Dud. Bosta familji kienu qegħdin jitilfu lil xi membri li kienu jintradmu taħt id-djar imwaqqgħa.



# Parroċċa ARĊIPRETALI u MATRIĊI

## FESTA STELLA MARIS 2019

Nhar is-7 ta' Mejju, sebgħa min-nies tilfu ħajjithom waqt ħbit qawwi mill-ajru li ħalla ħerba sħiħa fi Triq San Vinċenz.



*F'dan ir-ritratt tidher sew il-ħsara li sofra l-kappellun tad-Duluri.*

Kien propju qalb dak it-tifrik li fit-23 ta' Awwissu, nhar il-Festa ta' Stella Maris, għaddiet il-purċissjoni mingħajr il-Vara. F'din il-purċissjoni li kienet ħarġet mill-Villa tas-Sur Alfonso Maria Galea kienu ħadu sehem il-Patrijiet mill-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor.



*Il-purċissjoni tal-Festa niezla minn Triq San Vinċenz qalb it-tifrik li ħalliet il-gwerra.*

Matul l-ewwel nofs ta' l-1943 l-iskarsezzi u l-ġuħ li tant ġabu tbatija kien bdew jonqsu xi ftit u fuq wiċċ in-nies reġgħet bdiet tidher xi tbissima. Nhar it-8 ta' Settembru, jum it-twelid tal-Madonna, mill-kampnari ta' Stella Maris reġa' nstema' mill-ġdid, wara tant żmien sieket, id-daqq melodjuż tal-qniepen li flimkien ma' dawk tal-knejjes ta' Malta kollha ħabbar li l-Italja kienet ċediet. Il-Banda Stella Maris ħarġet iddur mat-toroq tal-Parroċċa biex bid-daqq tagħha żiedet mal-ferħ li kien jidher fuq wiċċ kulħadd. Dak il-jum kien ifisser li għal Malta l-gwerra kienet spiċċat.

Kien ingħalaq kapitlu ieħor fl-istorja tal-Parroċċa tagħna, li issa riedet tħares 'il quddiem bil-kuraġġ u d-determinazzjoni biex jinbnew mill-ġdid dawk l-istrutturi kollha li kienu tħeżżu sewwa.

Matul dawk is-snin il-parroċċa ta' Stella Maris kienet tilfet 47 minn uliedha filwaqt li ħafna kienu tilfu djarhom. Ħafna ħsarat fil-Knisja kienu għadhom iridu jissewwew.

Għaddew 75 sena mit-tmiem tal-gwerra. Nistgħu ngħidu li l-Parroċċa tagħna kienet fuq quddiem nett biex bil-għajnuna ta' Dik li minnha ħadet isimha tas-Sliema setgħet terġa' tqum mill-ħerba li ħallew warajhom dawk is-snin.

